"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165 ail: birzebbuga.lc@gov.mt

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti tas- seduta numru 12 tas-seba' leġislatura tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa, li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 9 ta ' Novembru 2015 fis-6:00p.m.*

**Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.) |
| | Joseph Cutajar (J.C.) |
| | Joseph Baldacchino (J.B.) |
| | Leanne Grech (L.G.) |
| | Josette Busuttil (J.B.D) |
| | Stanley Zammit (S.Z.) |
| Segretarju Eżekuttiv | Svetlick Flores (SF) |
| Skużati | Herman Reuben Schiavone (HS) |

Membri tal-pubbliku preżenti : 2 + 1 (Ambaxxatur)

---

Agenda għal-laqgħa:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali u Membri tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Offerti Pubblici
10. Ambaxatur Lokali taz-Zagħzagħ
11. Financial Statements sal 24 t'Awwissu
12. Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart
13. Servizz ta` Avukat.
14. Traffiku u Parkegg.
15. Postijiet ta` Rikrejazzjoni fil-Bajja S-Sabieha
16. Indafa u Ambjent
17. Gonna, Parks, u Soft Areas
18. Utilitajiet u Servizzi
19. Attivitajiet
20. Materji ohra
21. Aggornament tal-Laqgħa

**NB Il-Laqgħa bdiet fis-6.00pm minħabba nuqqas ta' kworum**

**Is-Sindku, s-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk preżenti qalu t-talba**

**12/1** **Approvazzjoni tal-Minuti**

12/1.1 Il-minuti tal-għaxar (10) laqgħa tal-Kunsill ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

12/1.1.1B'referenza għall-minuta 10/4.10, Il-kunsilliera JBD talbet li il-kelma Henrietta tigi sostitwit bil-kelma Enrichetta. Il-Kunsill qabel.

12/1.1.2B'referenza għall-minuta 10/4.10, Il-kunsilliera JBD talbet li l-frazi Triq tal-Gebel tinbidel fil-kelma Birzebbuga. Il-Kunsill qabel.

12/1.1.3B'referenza għall-minuta 10/9.2 – Il-Kunsillier JB talab li jiġi indikat l-isem tal-Aġent Segretarju Ezekuttiv, jiġifieri, is-Sur Duncan Hall. Il-Kunsill qabel.

12/1.1.4B'riferenza għall-minuta 10/4/21 – il-Kunsillier Stanley Zammit talab li jiżdied il-kliem "għall-fund raising" wara l-kelma "profitt". Il-Kunsill qabel.

12/1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 ġew approvati unanimament bil-korrezzjonijiet imressqa, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier SZ, issekondata mill-Kunsilliera JBD. Konsegwentament ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa Numru 10 tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.,

12/1.3 Il-minuti tal-ħdax (11) laqgħa tal-Kunsill (laqgħa b'urġenza) ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

12/1.3.1 B'referenza għall-minuta 11/1.5, Is-Sindku KB talab li jiżdied il-kliem il-" preċedenti fit-2012" wara il-kelma Kabinet. Il-Kunsill qabel.

12/1.4 Il-minuti msemmija f'1.3 ġew approvati unanimament bil-korrezzjonijiet imressqa, wara li tressqet mozzjoni mill-Sindku KB, Sek, LG,. Konsegwentament ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa Numru 11 tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**12/2** **Punti imqajjma mill-minuti**

12/2.1 Is-Sindku KB għamel referanza għall-minuta 10/3/6, u informa li minħabba raġunijiet ta' saħħa, il-laqgħa mal-Għaqda Sajjieda Dilettanti Birżebbuga kienet ġiet ikkanċellata. Il-Kunsill ippropona li l-laqgħa tinżamm it-Tnejn 16 ta' Novembru, fis-6.00pm.

12/2.2 Il-Kunislliera LG għamlet referanza għall-minuta 10/4.8 u staqsiet jekk kien hemm xi żviluppi.. Hija ġiet infurmata li il-ħaddiema tal-Ministeru tal-Infrastruttura ser ikunu qed jagħmlu dan ix-xogħol wara li jgħaddi ic-CHOGM.

12/2.3 Il-Kunsilliera LG għamlet referanza għall-minuta 10/4.15, u staqsiet jekk sarux xi żviluppi fir-rigward tat-tabelli. Hija żiedet tgħid, li jekk ikomplu jagħddu trakkijiet u vetturi simili, ser jispiċċaw jagħmlu ħsara ukoll fi Dawret Qalb Imqaddsa. Il-Kunsillier SZ irrimarka li ser jieħu ħsieb din il-materja.

12/2.4 Il-Kunislliera JBD għamlet referanza għall-minuta 10.4.21.7, u staqsiet jekk dan ifissirx li għandha twaqqaf l-attivitajiet kulturali. Il-Kunsill irrimarka li bil-kontra, anzi għadhom isiru dawk kulturali.

12/2.4.1 Il-Kunislliera JBD żiedet u staqsiet jekk dan is-suġġeriment japlikax għat-trasport pprovdut għall-Fun Run organizzata mill-MCCF. Il-Kunsill qabel li din hija inizjattiva għal għan filantropiku, u mhijiex attivita' u għaldaqstant l-inizjattiva hija waħda tajba, u għandha tinżamm.

12/2.4.2 Il-Kunislliera JBD żiedet tgħid li hija organizzat attività kulturali tal-Kunsill fid-19 ta' Diċembru, u fl-istess ġurnata, ġiet organizzata attività oħra mill-Kunsill taħt Memo 22/2015 dik ta' Kuncert bil-mużika *Gospel*. Hija żiedet tgħid li din tal-aħħar imbagħad ġiet posposta għall-20 ta' Diċembru 2015. Hija irrimarkat li f'dik il-ġurnata magħżula inzerta li ser tittella attività oħra, din id-darba [mhux tal-kunsill izda] fuq inizjattiva personali tagħha u tal-MCCF, ~~taħt il-patronċinju tal- ET President ta Malta.~~ Hija żiedet tgħid li hija ma kienetx infurmata bl-attivita' tal-kuncert tal-mużika Gospel.

(✗) bil- [illegible] kollu imma favur l-MCCF.

12/2.4.3 Is-Sindku KB irrimarka li l-attivita ta Gospel Choir ġiet diskussa waqt seduta li inżammet f'Settembru, iżda ma kienx għad hemm data iffissata. Il-Kunzillier SZ irrimarka li kienet tpoġġiet anke fuq l-aġenda tal-laqgħa preċedenti, iżda minhabba minhabba restrizzjoni fil-ħin, din il-materja ma kientx ġiet diskussa.

12/2.4.4 Il-Kunsillier SZ irrimarka li lanqas huwa ma kien infurmat bl-attivita tal-MCCF. U għaldaqstant ġiet innutat li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni / koordinazjoni.

12/2.4.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil-Kunsill li dak inhar, innota b'dan in-nuqqas, u b'effett immedjat introduċa sistema ta' kalendarju fejn jiġu irreġistrati kull attività li hu jkun infurmat biha. Huwa talab lil-Kunsilliera li sabiex tiġi evitat din ic-cirkustanza, kull-attivita għandha tiġi reġistrata f'uffiċju. Il-Kunsilliera jistaw jikkonfermaw u jikkoordinaw l-attivitajiet mal-Amministrazzjoni.

12/2.5 Il-Kunisllier SZ għamel referenza għall-minuta 10/2.2, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq il-Bord imwaqqaf biex jevalwa it-talbiet għall-danni. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv irrimarkaw li ser jivverifikaw.

12/2.6 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 10/2.10 u qal li wara korrispondenza li intbagħtat mill-Amministrazzjoni, ittieħdu numru ta' passi mill-Enemalta, u issolvew 4 każi pendenti. Għaldaqstant iħoss li ma hemmx il bżonn li jeskala iktar il-materja.

12/2.7 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 10/3.3, u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li hu kien talab għal informazzjoni lil-Kunsilliera rigward kuntatt li jrid isir. iżda ma rceviex risposti konkreti.

12/2.8 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 10/3.5.4 u irrimaka li s-Segretajru Ezekuttiv kien talab għall-kjarifika lil Tranport Malta u liema kjarifika waslet u ġiet iċċirkolata. Il-Kunsill kien sodisfatt li r-rotta 210 ser tiġi introdotta, bl-istess rotta li kella ir-rotta 110 fl-antik.

12/2.9 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 10/4.3 u għamel osservazzjoni li l-fatt li qed issir laqgħa kull nhar ta' Ġimgħa, hemm iktar kordinazzjoni minn qabel.

12/2.10 Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-minuta 10/7.2. Is-Segretarju Ezekuttiv ppreżenta ir-rapport mitlub. Il-Kunsillier SZ staqsa jekk id-differenza fi hlas mitluba tat-tipping fees humiex qed jithallsu mid-Dipartiment, u jekk il-materja hijiex preokkupanti Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarka li D-Dipartiment sas-sena l-oħra ħallas id-differenza li kien hemm, wara miżura tal-buġit tal-Gvern Centrali, u li l-materja mhux ta min wieħed jinkwieta fuqha.

**12/3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

12/3.1 Is-Sindku informa li l-Ufficju Elettorali talab li l-Kunisll jindika il-bidu u it-tmiem tas-ssuġġerita Trejqet il-Marnisi. Huwa ġibed l-attenzjoni li din it-Trejqet tista tieqaf ma Triq i-Xerriek, jew ma' Triq it-Torri, iżda fi kwalunkwe kaz, ser ikun parti ta' trejqa mingħajr isem.

12/3.1.1 Wara diskkujoni libera, il-Kunsill qabel li Trejqet il-Marnisi għandi tiġi tmiss ma' Triq Ix-Xerriek, waqt li Triq it-Torri għandha titwal u tiġi tmiss ma' Trejqet il-Marnisi.

12/3.2 Is-Sindku informa li l-kuntrattur is-Sur Charlie Fenech talab għall-ħlas addizzjonali sabiex ikopri l-ispejjes tal-linja ċellulari minhabba it-telefonati li jagħmel.

12/3.2.1 Il-Kunsill innota li tali spejjez għandhom jiġu assorbiti mill-Kuntrattur bhala parti mill-ispejjez operattivi tiegħu, u għadaqstant qabel unanimament li tali talba mhijiex ġustifikata.

12/3.3 Is-Sindku KB informa li nhar il-Erbgħa li ġej għandu laqqħa mas-Ceo tal-MEPA sabiex jiġi diskuss iktar fid-dettall il-kundizzjoni imposta fil-permess tal-Freeport li tindika ħlas ta €950,000, partikularment sabiex jiġi diskuss fliema fond dawn ser jitpoġġew.

12/3.4 Is-Sindku informa fir-rigward tat-talba li kienet saret Mis-Sur Emmanuel Abela, fejn wera ix-xewqa tiegħu li jiehu l-kamra li l-kunsill jikri mill-Awtorita' tad-Djar.

12/3.4.1 Is-Segretaru Ezekuttiv spjega li huwa u il-Kunisllier JB marru fuq il-psot biex jivverifikaw l-użu tal-kamra, u l-kundizzjoni tal-kamra, fejn gie ikkonfermat li l-kunsill juża din il-kamra għall-store ta' affarijiet miġbura minn postijiet pubbliċi.
12/3.4.2 Huwa spejga li r-resident jixtieq tul ta' madwar 15 il-pied, iżda l-aċċess ta din il-kamra jinsagħab fin-nofs. Għaldaqstant il-Kunsill ikollu jew jidhol fi spiża sabiex jitressaq il-bieb fit-tarf nett, li possibbilment xorta ma jibqax il-15 il-pied.

12/3.4.3 Wara diskussjoni libera, il-kunisll qabel li joffri lir-resident tul sal-bieb, u dan wara li jinġagħbu l-approvazzjonijiet u l-permessi kollha neċessarji.

12/3.5 Permezz ta' ittra datata 28 ta' Ottubru 2015, riċevuta mill-Klabb Regatta Birzebbuga Freeport fejn talbu sabiex jitwahhlu zewġ plakkek kommemorattivi fil-post fejn fl-antik kien hemm imwahhla plakka diġà (mal-ġenb tal-Angolina, mal-ħajt ta taħt il-bankina,

12/3.5.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunisll approva li l-Klabb tar-regatta iwaħħal il-plakkek kommemorattivi fil-post mitlub, suġġett għad-dritt ta' terzi persuni, u li jinġiebu il-permessi neċessarji.

12/3.6 Permezz ta' e-mail datata 16 t'Ottubru mid-Dipartimet tal-Gvern Lokali fejn fakkru fl-obbligu legali tal-Kunsill li "jipproponi lil Ministru responsabbli mill-edukazzjoni, persuni biex jinħatru bħala presidenti ta' kunsilli ta' skejjel primarji"

12/3.6.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandhu jirrakkomanda lil-persuna stess li qed tokkupa il-kariga prezentament, u f'kaz li dan il-post huwa vakanti, tiġi irrakkomandata il-Kunsilliera LG minġabba li hija resposabbli mid-dekasteru tal-Edukazzjoni.

12/3.7 Permezz ta' e-mail riċevuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali datata 30 t'Ottubru 2015, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf lil l-belt ta' Izmir fit-Turkija uriet l-interess li jsir ġemellaġġ mar-raħal ta' Birżebbuġa.

12/3.7.1 Is-Sindku KB wera it-tħassib tiegħu li dan il-ġemellaġġ jista ikun għoli finanzjarjament.

12/3.7.2 Il-Kunsillier JB irrimarka li huwa jippreferi isir ġemellaġġ ma xi belt li għadha karatteristiċi iktar simili ma Birzebbuga.

12/3.7.3 Il-Vici Sindku JC irrimaka li tali ġemelagg jista jkollu potenzjal hekk kif it-Torok xtraw isħma fil-Freeport.

12/3.7.4 Wara diskkusjoni libera, il-Kunisll qabel, li huwa prematur sabiex jieħu deċiżjoni minħabba li hemm bżonn issir iktar riċerka, fuq il-benefiċju ta dan il-ġemelaġġ.

12/3.8 Permezz ta' e-mail data 3 ta' Novembru 2015 riċevuta mingħand Leon Promotions fejn offrew li tittella attivita' tal-Karnival ġewwa Birzebbuġa għall-prezz ta €690 inkluz il-VAT.

12/3.8.1 Wara diskusjoni libera il-Kunisll approva li tittella din l-attivita' u għaldaqstant qabel li javvicinah u jiddiskuti il-proposta f'iktar dettall.

**NB: Is-Sinkdu ppropona li tinbidel l-ordni tal-Agenda, u tiġi diskussja il-Matarja 12/10.1. Il-Kunsill qabel nem con. Minuti ta' din il-materja jisagħabu iktar il-quddiem, skond l-ordni tal-Agenda.**

**12/4 Mistoqsijiet lis-Sindku**

12/4.1 Il-Kunsilliera LG staqsiet rigward it-tiswija tal-bus shelter imkissra fi Triq Għar Dalam.

12/4.1.1 Is-Sinku infurma li diġà intabgħatu numru ta ilmenti lil-Tranport Malta Malta, li min-naha tagħhom għaddew l-ilment lil-Faces LTD sabiex jieħdu l-azzjoni neċessarja

12/4.2 Il-Kunsilliera LG staqsiet rigward il-modifika fil-bus shelter ta' Triq il-Port Hieles, peress li għandha biċċa miftuħa in-naħa ta' fuq, il-persuni jispiċċaw jixxarbu fix-xita.

12/4.2.1 Is-Sinku informa li huwa talab għal-kwotazzjoni għall-dan ix-xogħol, iżda għadha ma ingħatatlux l-istima.

12/4.2.2 Għaldaqstant ġie issuġġeriet li jiġi avviċinat xi fornitur ieħor li lest li jagħmel dan ix-xogħol.

12/4.3 Il-Kunsilliera JBD irrimarkat li fir-rigward tal-progett issuġġeriet minnha (park għannies bi bżonnijiet speċjali), hija avvicinat lil Hon Ian Borg, li issuġġerixxa li dan isir mill-fondi tal-UIF. Għaldaqstat hija saqsiet lis-Sinku jekk dan huwiex possibbli.

12/4.3.1 Is-Sindku informa li l-progetti kollha tal-Kusill li jirrigwardjaw tisbih jaqaw taħt dan il-fond. Huwa irrimarka li dan il-fond fih ftit iktar minn €40,000, minn fejn hemm proġettat li jsir ukoll l-isktate park li jiswa €90,000, u għaldaqstant, ma hemmx fondi biżżejjed

12/4.3.2 Is-Sindku żied li, madankollu, huwa għalhekk talab li wieħed għandu iressaq l-istimi neċessarji sabiex ikun jista isir pjan ta kif l-ahjar li jintefqu il-fondi. Iktar u iktar issa li hemm ic-cans li l-Kunsill jirċievi fil-fond UIF somma flus kbira, b'riżulat tal-permessi tal-freeport.

12/4.3.3 Is-Sindku, għaldaqstant fakkar fl-importanza li isiru l-istimi neċessarji tal-proġetti proposti, kif ukoll stimi ta proġetti ġodda.

**12/5 Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati**

12/5.1 Il-Kunsillier SZ informa li saret laqgħa mal-workgroup li inħoloq għall-izvilupp tat-*Tourist Trail*, partikolarment mar-rappreżentanti tas-Soċjeta tal-Istorja, sabiex jigi disinjat fuljett informattiv fuq il-Lokalita ta Birzebbuga.

12/5.1.1 Il-Kunsillier SZ informa li dan il-fuljett ser jiġi iddisinjat b'mod li jilħaq lit-turist, u jitpogga primarjament fl-Ufficju tal-Informazzjoni tat-Turisti tal-MTA.

12/5.1.2 Il-Kunsillier SZ irrimarka li issa jonqos biss li l-istess Soċjeta tipprovdi l-informazzjoni, liema informazzjoni ser tiġi tradotta bil-lingwa ingliża. Huwa talab lil-Kunsilliera LG sabiex tfakkarom.

12/5.2 Il-Kunsillier SZ irrakomandi jsir Kumitat fi ħdan il-Kunsill għar-relazzjonijiet mal-għaqdiet u li parti minnu tkun il-Federezzjoni tal-Għaqdiet. Huwa informa li l-ideja hija illi nagħtu spinta lill-Federazzjoni u dan sabiex ikunu hemm iktar armonija. Huwa semma eżempju fejn l-għaqdiet qed iħallsu għall-uzu tas-sala tal-iskola u minhabba nuqqas ta komunikazjoni, jista tgħati il-klas li qed isir ħas doppju għall-istess servizz. Il-kunsill qabel.

12/5.2.1 Il-Kunisllier JB irrimarka li huwa ma jistax jaqbel mal-aminsitrazzjoni tal-iskola li ħadet id-decizoni li titlob il-ħlas, meta il-Kunisll investa biex fetaħ bieb sekondarju, halli ma jkollux ghalfejn itellef jew juża xi servizzi oħra tal-iskola.

12/5.2.2 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem din il-materja mal-Ministru kkonċernat

12/6 Rapporti minn Uffiċċjali u Membri tal-Kunsill

12/6.1 Ma kienx hemm rapport imressqa.

**12/7 Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji**

12/7.1 Is-Sindku KB ressaq għall-approvazzjoni skeda ta' pagamenti bin-numru 11/15, liema skeda ġiet iċċirkolata minn qabel, u għaldaqstant ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

12/7.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Sindku KB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti imniżżlin fl-iskeda 11/15. Il-Kunsill approva nem con.

12/7.3 Is-Sindku KB ressaq korrispondenza mill-Gal Xlokk, rigward il-ħlas tal-abbonament għall-programm 2014-2020, sabiex il-Kunsill jissieħeb membru fil-Fondazzjoni biex ikun benefiċjarju potenzjali. Il-ħlas mitlub huwa dak ta' €500 għall-kull Kunsillier. Il-Kunsill approva unanimament.

12/7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq kwotazzjoni tal-uniformijeit tal-impjegati. Huwa issuġġerixxa li sabiex tonqos l-ispiza, ma ssirx l-uniformi tiegħu.

12/7.4.1 Il-Kunsill iddiskuta l-kwotazzjoni u qabel unanimant li tinxtara uniformi bażika għall-impjegati li jaħdmu mit-Tnejn sas-Sibt. Il-Kunsill qabel ukoll li jinxtraw flokkijiet iktar każwali li jintużaw mill-impjegati li jaħdmu fil-ġurnata tas-Sibt.

12/7.5 Il-Kunisllier JB staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk kienx hemm żviluppi fir-rigward tal-flus dovuti miċ-ċitazzjonijiet mill-Kumitat Konġunt. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-materja għadha pendenti minhabba li numru ta' prijoritajiet.

**12/8 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet**

12/8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa.

**12/9 Offerti Pubblici**

12/9.1 Is-Sindku fetaħ il-materja billi fakkar lill-membri preżenti li l-Ġimgħa jagħlqu is-sottomissjonijiet tal-offerta għall-Ġbir ta Skart Goff. Il-Kunsill qabel li l-kaxxa tal-offerti tinfetaħ dakinhar fit-3.00pm

12/9.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li huwa kien abbozza id-dokumenti tal-offerti pendenti kollha esluz dawk relatati mal-asfaltar u manutenzjoni ta bankini. Huwa infomra li dawn l-abbozzi, li diġà ġew mgħoddija lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa, ser jagħddu għandi il-kumitat tal-offerti għall-evalwazzjoni. Huwa talab lil-Kunsilliera jagħddu ir-rimarki tagħhom qabel ma jiltaqa' il-kumitat imsemmi.

**12/10 Ambaxxatur Lokali taz-Zagħzagħ**

12/10.1 Is-Sindku fetah il-Materja billi fakkar li l-Ambaxxatrici preċedenti kienet għalqet it-18 u għalhekk ma setgħetx tokkupa iktar il-kariga. Għaldaqstant fakkar li inħargu l-applikazzjonijiet relevanti, fejn kien hemm żewġ applikanti.

12/10.2 Is-Sindku KB informa li hekk kif issejhu l-kandidati għall-intervisti għall-għazla, wieħed mill-kandidati irtira l-applikazzjoni tiegħu, u għaldaqstant, ma kienx hemm lok ta għażla.

12/10.3 Għaldaqstant is-Sindku KB ippropona li jintagħzel il-kandidat Scott Camilleri sabiex iservi ta' Ambaxxautur Lokali taz-Zagħzagħ. Il-Kunsill qabel nem con.

**12/11 Financial Statements sal-24 t'Awwissu 2015**

12/11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda ir-rapport Finanzjarju sal-21 t'Awwissu. Huwa infomra li ma setgħax jgħaddieh qabel minħabba li kien wasal għandhu dak inhar stess.

12/11.1.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunisll qabel li dan id-dokument jiġi evalwat mill-Kumitat tal-Finanzji u sussegwentament jitressq lill-Kunsill għall-approvazzjoni.

**12/12 Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart**

12/12.1 Is-Sindku KB ressaq għall-Approvazzjoni ir-rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2015, liema dokument kien iċċirkolat minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant kien ikkunsidrat bhal moqri

12/12.1.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill approva unanimament ir-rapport imsemmi.

**12/13 Servizz ta Avukat**

12/13.1 Is-Sindku KB talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega l-materja

12/13.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li, bħal fil-kaz tas-servizzi professjonali l-oħra, eżempju l-perit u l-accountant, il-Kunsill għandu jikkunsidra li joħrog sejħa għall-offerti għall-dan is-servizz.

12/13.3 Wara diskussjoni libera, Il-Kunsill qabel li johrtog l-offerta, u jiddeciedi jekk jingaġġax dan is-servizz skont il-prezzijiet li jiġu sottomessi.

**12/14 Traffiku u Parkeġġ**

12/14.1 Is-Sinku KB tkellem fuq il-proposta ta' *road humps* fi Triq San Filippu. Huwa informa li l-Kunsill ircieva ilment u suggerimenti.

12/14.1.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li issir dik biss tal-vicinanzi ta' Triq San Frangisk Saverju.. Il-Kunsill qabel li din għandha tigi immarkata mal-art u tintbagħat korrispondenza lil dawk l-iktar viċin tagħha u li l-iktar ser jiġu affettwati.affetwati.

12/14.1.2 Il-Kunsill propona li issir wahda bejn Triq il-Gurgier u Tirq Hamilkar Barka.

12/14.2 Is-Sindku ressaq korrispondenza mill-Ministeru tal-Infrastruttura relatata Triq il-Qajjenza, li titratta numru ta' punti.

12/14.2.1 Il-Kunsill innota li Triq il_fossili kient diġà direzzjoni wahda lejn Triq il-Qajjenza, u li Triq Wesgħa Ramon Perellos kienet ukoll diġà direzzjoni

wahda minn Triq il-Qajjenza. Għaldaqstant il-Kunisll għandu jinforma b'dan.

12/14.2.2 Il-Kunsill qabel fuq il-linjament tal-bankina kif suggerit.

12/14.2.3 Il-Kunsill qabel li għandu jissuġġerixxi li iz-Cebra Cross tkun humped kif propost oriġinarjament

12/14.2.4 Il-Kunsill qabel ukoll li jigi propost sistema gdida ta' traffiku

12/14.3 Il-Kunsillier SZ ~~Is-Sindku KB~~ ipproponа li issir Road Hump fi Triq Profs Anton Tabone.

12/14.3.1 Il-Kunsill qabel li tiġi ikkunsidrata, u għaldaqst SZ ingħata l-inkarigu sabiex jibda jahdem fuq din il-materja

12/14.4 Il-Vici Sindku JC irrimarka li l-ispazju ta' parkeġġ għall-muturi fi Triq San Mikiel għadha ma saritx.

12/14.4.1 Il-Kunsillier SZ irrimarka li sabiex issir din issir immedjatament, irid jittieħed parkeġġ ta karozza. Membri tal-Kunisll ma qabluix ma din, minhabba li mutur xorta jista jipparkja go kaxxa tal-karozzi.

12/14.4.2 Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-alternattiva l-oħra hija li jiċċeknu il-kaxxi l-oħra kollha, liema proċess jieħu fit-tul u ħafna iktar xogħol.

12/14.5 Il-Vici Sindku JC ressaq talba migħand resident fi Triq l-Ghodda li għandu blue sticker u ghandu approvazzjoni minn Transport Malta ghall- kaxxa safra (Reserved).

12/14.5.1 Il-Kunsillier SZ irrimarka li f'dik it-Triq hemm problema kbira ta' parkeġġ, għax mimlija garaxxijiet u hemm ukoll diġà spazju riservat ta' *loading / unloading*. Huwa fakkar li meta saret din tal-aħħar kien hemm oġġezzjoni, għax ħadd ma reida quddiemu, u għalhekk il-problema hija fejn tista issir din il-kaxxa mitluba.

12/14.5.2 Wara diskussjoni libera, il-Kunisll qabel li għandha issir fil-kantuniera ta' Triq l-Għodda.

12/14.6 Il-Kunislliera LG irrimakat li persuni b'vetturi qed jgħaddu kontra is-sistema tat-traffiku fi Triq San Filippu kantuniera ma' Triq il-Ġurġier. Dan qed joħloq periklu lin-nies.

12/14.6.1 Il-Kunsillier SZ irrimarka li diġà ippjanta din iz-żona u ser jibgħata lill-Aministrazzjoni għall-iproċessar.

12/14.7 Il-Kunsilliera LG irrimarkat li vetturi li qed iduru mas-*central strip* ta' ħdejn il-knisja, qed jagħmlulha ħsara u qed ikissruha. Hija issuggerixxiet li issirilha xi forma ta rampa.

12/14.7.1 Il-Kunsill qabel, u il-Kunsillier SZ ha l-inkarigu ta' dan ix-xogħol.

12/14.8 Il-Kunsilliera JBD saqsiet jekk kienx hemm żviluppi fuq l-ittra li intbagħtet lil numru ta Toroq fil-qajjenza, li titratta senjalazzjoni tat-traffiku u zebgħa tat-triq. Hija irrimarkat li kella numru ta ilment fuq il-verifikazzjoni li intalbet dwar l-uzu ta' garaxxijiet.

12/14.8.1 Is-Sinku KB irrimarka li il-kunsill huwa responsabbli biss li fejn hemm kaxxa safra quddiem garaxx, u li din m'għandiex tkun hemm minħabba raġunijiet varji, din għanda titneħħa, u b'hekk tittaffa il-problema tal-parkegg.

12/14.8.2 Huwa żied jgħid li-Kunsill mhuwiex kompitu tiegħu jinvestiga affarijiet oħra li mhumiex relatati mas-suġġett. Il-Kunsill qabel.

**12/15 Postijiet ta' Rikrejazzjoni fil-Bajja s-Sabieħa**

12/15.1 Is-Sindku informa li qegħdin fil-process li tinħareg sejħa għall-offerti għall-cameras tas-sigurta f'din iz-zona, u dan sabiex jitnaqqas l-abbuz li qed ikun hemm minn zagħzagħ bir-roti, u vandaliżmu.

12/15.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li kellu laqgħa l-għada rigward is-suggett ma persuna teknika sabiex jiġi iffurmat id-dokument tal-offerta.

12/15.3 Is-Sindku fakkar fil-progett tal-iskate park li ser huwa maħsub biex jipprovdi spazju ta rikreazzjoni għall-dawk delettanti tar-roti, iżda dan jista isir biss meta il-Kunsill ikollu il-fondi.

**NB – 9.00pm - Il-Kunisll qabel unanimant li l-laqgħa tiġi estiża b'massimu ta siegħa sabiex tiġi eżawrita l-agenda.**

**12/16 Indafa u Ambjent**

12/16.1 Il-Vici Sindku JC qal li qed isir progress fuq l-indafa, u kull fejn ikun hemm talba għall-tindif, qed isir minn kollox sabiex tiġi sodisfatta.

12/16.2 Il-Vici Sindku JC żied ukoll li qed isir ħafna ġbir ta skart goff.

12/16.3 Il-Vici Sindku JC irrimarka li twaħħlu il-konténituri tal-iskart is-suwed u id-doggy bins, u baqa biss jitwahhlu il-bins magħtija b'donazzjoni mill-Għaqda Sajjieda Dilettanti Birżebbuġa, għall-pjazza.

12/16.4 Il-Vici Sindku JC tkellem ukoll rigward Triq San Gorg. Kif approvat, tnaddfu ic-central strips u ingħataw il-konkos. Huwa issuġġerixxi li jitpoġġa wiċċ ta turf artifiċjali.

12/16.4.1 Il-Kunsill qabel li għadha tiġi iccirkolata memo interna bl-ispiza involuta għall-dan it-turf

12/16.5 Il-Kunsillier JB irrimarka li s-siġra l-mejta ta' ħdejn il-knisja ser tineħħa, iżda il-Kunsill għandhu jieħu ħsieb li tinżergħa oħra minfloka li tkun iktar baxxa.. Il-Kunsill qabel nem con

**12/17 Ġonna, Parks, u Soft Areas**

12/17.1 Il-Kunsillier SZ tkellem fuq iż-żona ta' biswit Wied il-Buni, in-naħa ta' Triq San Patrizju. Huwa irrimarka li il-Kunsill kellu jieħu ħsieb li jiċċaqalqu il-kontenituri tal-iskart u il-kennels tal-qtates. Huwa żied jgħid li issa hemm palma qed tmut fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li ix-xogħolijiet ta ċaqlieq għandhom isiru, filwaqt li il-Vici Sindku informa li l-palma qed terga tarmi.

**12/18 Utilitajiet u Servizzi**

12/18.1 Il-Vici Sindku JC irrimarka li l-ħinijiet ta ftuħ tal-latrini pubbliċi mhumiex biżżejjed, u hemm nies li jkunu qed jimxu fit-tard li mhumiex qed jinqdew.

12/18.1.1 Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandu isir arranġament sabiex il-latrini jibdew idumu iktar miftuħin, u jibdew jingħalqu fis-7.00pm.

**12/19 Attivitajiet**

12/20 Is-Sindku KB irrimarka li l-indikazzjonijiet mhux uffiċjali li għandu huma li l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ser jingħata €4,000 sabiex itella l-attivita' ta' Kuncert Muzikali Gospel.

12/20.1 Is-Sindku KB issuġġerixxa li fuq l-applikazzjoni il-ġdida marbuta ma' attivitiajiet kulturali, il-Kunsill għandu japplika għall-attivitajiet ta' Gospel Choir u attivita oħra relatata ma' kompozizzjonijiet maltin, u dawn it-tnejn bi pjan għall-tlett snin. Dawn għandhom isiru f'Diċemrbu u f'April rispettivament. Il-Kunsill qabel.

**12/21 Materji Ohra**

12/21.1 L-Ambaxxatur Lokali taż-Żagħżagħ SC ta' xi veduti tiegħu fostom li issuġġerixxa li l-Kunsill jaħseb fi proġetti għaż-żagħżagħ bħall-*iskate park* u piċċ għall-football,

speċjalment jekk jaslu il-fondi marbutin mal-permess tal-Freeport. Huwa issuġġerixxa ukoll sabiex isiru iktar attivitajiet sportivi.

12/21.2 Is-Sur SC issuġġerixxa li temporanjament, isir fencing madwar l-amfiteatru tal-Bajja s=Sabieħa sabiex ma jkun hemm aċċidenti bir-roti.

12/21.2.1 Il-Kunisll ma qabilx ma dan is-suġġeriment minħabba li jkun qed jisssanzjona l-uzu tar-roti ġewwa din iż-żona.

12/22 Il-Kunsilliera JBD saqsiet min hu responsabbli mill-attivitajiet relatati mat-tfal. Is-Sindku irrimarka li dawn jaqaw f'idejha la darba huma attivitajiet, iżda dan sakemm ma jkunux ta materja edukattiva, li allura ikunu jaqaw taħt id-dekasteru tal-edukazzjoni.

**12/23 Aggornament tal-Laqgħa**

12/23.1 Il-Kunsill aġġorna għal-Hamis 10 ta' Diċembru fil-17.45pm

**Il-Laqgħa intemmet fit-9.25 pm**

Kevin Barun
Sindku

Svetlick Flores
Segretarju Ezekuttiv

10/12/2015
Data